MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 225/2005

**George Xuereb esercenti l-kummerc taht l-isem ‘Autopaint International”**

**Vs**

**Andrew Mifsud u/jew Androxa Furniture Limited (C-9647)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita’ tieghu premessa ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm2428.39) rappresentanti materjal ghall-xoghol ta’ l-ghamara gja’ mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mill-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 14 ta’ Marzu 2005 u l-konvenut jew rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-interpellanza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-30 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat dak verbalizzat fis-seduta tallum stess.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut u lis-socjeta konvenuta sabiex jhallsu solidalment bejniethom, lill-attur fil-kwalita tieghu premessa s-somma ta' Lm2428.39,0 bl-imghax legali mill-20 ta’ April 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tal-14 ta’ Marzu 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------